

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 7 E



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

12 ta' Jannar 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

III *Atti preparatorji*

IL-KUNSILL

2011/C 7 E/01	Pożizzjoni (UE) Nru 1/2011 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010	1
2011/C 7 E/02	Pożizzjoni (UE) Nru 2/2011 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp Adottat mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010	11
2011/C 7 E/03	Pożizzjoni (UE) Nru 3/2011 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010	14
2011/C 7 E/04	Pożizzjoni (UE) Nru 4/2011 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru No 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010	17

MT

III

(Atti preparatorji)

IL-KUNSILL

POŻIZZJONI (UE) Nru 1/2011 TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli

Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010

(2011/C 7 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Għajna Pubblika għall-Iżvilupp (kriterji ODA) stabbiliti mill-Kumitat tal-Għajna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp ("OECD/DAC").

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207(2) u 209(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

(3) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tintensifika r-relazzjonijiet tagħha aktar mal-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw ikkonċernati, li huma sħab bilaterali importanti u atturi importanti f'fora multilaterali u fil-governanza globali. Ma' dawk il-pajjiżi l-Unjoni għandha interess strateġiku fil-promozzjoni ta' rabtiet diversifikati, b'mod partikolari f'oqsma bħal skambji ekonomiċi, kummerċjali, akkademiċi, ta' negozju u xjentifiċi. Hi għalhekk għandha bżonn strument finanzjarju li jippermetti l-finanzjament ta' miżuri bħal dawn, li fil-prinċipju, ma jikkwalifikawx bħala ODA skont il-kriterji tal-ODA iżda li għandhom importanza deċiżiva f'termini tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet u li jagħtu kontribut importanti għall-promozzjoni tal-progress u l-iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikkonċernati.

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

(1) Mill-2007 l-Komunità ssimplifikat il-kooperazzjoni ġeografika tagħha mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Amerika Latina u mal-Iraq, l-Iran, il-Jemen u l-Afrika t'Isfel taħt ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ⁽²⁾.

(4) Għal dak il-għan, erba' Azzjonijiet Preparatorji ġew imħejjija fil-proċeduri tal-baġit tal-2007 u l-2008 sabiex tinbeda tali koperazzjoni msaħħa skont punt (b) tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾. Dawk l-erba' Azzjonijiet Preparatorji huma: skambji ta' negozju u xjentifiċi mal-Indja; skambji ta' negozju u xjentifiċi maċ-Ċina; kooperazzjoni ma' gruppi ta' pajjiżi bi dħul medju fl-Asja; u kooperazzjoni ma' gruppi ta' pajjiżi bi dħul medju fl-Amerika Latina. Taħt dak l-Artikolu, il-proċedura leġiżlattiva konsegwenti għall-Azzjonijiet Preparatorji, għandha tiġi konkluża qabel it-tmien tat-tielet sena finanzjarja.

(2) L-għan primarju u dominanti tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 hu l-qerda tal-faqar permezz tat-twettiq tal-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju. L-iskop tal-kooperazzjoni għal programmi ġeografiċi mal-pajjiżi, territorji u reġjuni li qed jiżviluppaw li huma stabbiliti taħt dak ir-Regolament hu limitat aktar b'mod materjali għal miżuri ta' finanzjament maħsubin biex jissodisfaw il-kriterji għal

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Diċembru 2010.

⁽²⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

- (5) L-għanijiet u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1934/2006 ⁽¹⁾ huma adattati bħala mezz għall-koo-perazzjoni msaħħa mal-pajjiżi li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-Regolament (KE) Nru 1934/2006 u li jiġi pprovdut pakkett finanzjarju sabiex ikopri l-koo-perazzjoni ma' dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
- (6) Bit-twessigħ tal-medda ġeografika tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1934/2006 l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikkonċernati huma koperti b'żewġ strumenti differenti tal-finanzjament tal-azzjoni esterna. Għandu jkun żgurat li ż-żewġ strumenti ta' finanzjament jibqgħu għal kollox separati minn xulxin. Il-miżuri li jissodisfaw il-kriterji ODA se jiġu ffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, waqt li r-Regolament (KE) Nru 1934/2006 se jkopri biss miżuri li, fil-prinċipju, ma jissodisfawx dawn il-kriterji. Hemm bżonn ukoll li jkun żgurat li dawk il-pajjiżi li qabel kienu koperti bir-Regolament (KE) Nru 1934/2006 – il-pajjiżi u r-reġjuni industrijalizzati kif ukoll pajjiżi u reġjuni oħrajn bi dħul għoli – ma jiġux żvantaġġati, speċjalment mil-lat finanzjarju, bit-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ta' dak ir-Regolament.
- (7) Minħabba li l-kriżi ekonomika ħolqot tensjoni baġitarja estrema fl-Unjoni kollha, u li t-twessigħ propost jikkonċerna pajjiżi li f'ċerti każijiet laħqu livell ta' kompetittività komparabbli ma' dak tal-Unjoni u livell ta' għajxien medju qrib dak ta' ċerti Stati Membri, il-koo-perazzjoni tal-UE għandha tieħu kont tal-isforzi li jsiru min-naħa tal-pajjiżi li jirċievu l-għajnuna biex jikkonformaw mal-ftehimiet internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u biex jipparteċipaw fl-oġettivi ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra.
- (8) Ir-reviżjoni tal-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji ta' azzjoni esterna identifikat inkonsistenzi fid-dispożizzjonijiet li jeskludu spejjeż relatati ma' taxxi, dazji jew ħlasijiet oħra bħala ineqgħibbli. Minħabba konsistenza, qed jiġi propost li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu armonizzati mal-istrumenti l-oħra.
- (9) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1934/2006 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1934/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

⁽¹⁾ ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41.

- (1) it-titolu tar-Regolament għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006

li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koo-perazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli, u ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, għal attivitajiet apparti l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp.”;

- (2) l-Artikoli 1 sa 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Għan

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, 'pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli' għandhom jinkludu pajjiżi u territorji elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u 'pajjiżi li qed jiżviluppaw' għandhom jinkludu pajjiżi li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi strument ta' finanzjament tal-koo-perazzjoni għall-iżvilupp (*) u li huma elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Minn hawn 'il quddiem, dawn huma flimkien imsejħa 'pajjiżi sħab'.

Il-finanzjament mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament għandu jsostni koo-perazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika, kulturali u akkademika ma' pajjiżi sħab fl-oqsma kollha stipulati fl-Artikolu 4, li jaqgħu fi ħdan l-isferi ta' kompetenza tagħha. Dan ir-Regolament għandu jservi biex jiffinanzja l-miżuri li, fil-prinċipju, ma jissodisfawx il-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (kriterji tal-ODA) stabbiliti mill-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Koo-perazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD/DAC).

2. L-għan primarju ta' koo-perazzjoni mal-pajjiżi sħab għandu jkun li jipprovi rispons speċifiku għall-ħtieġa li jissaħħu r-rabtiet u li jkun hemm impenn akbar magħhom fuq bażi bilaterali, reġjonali jew multilaterali sabiex jinħoloq ambjent aktar favorevoli u trasparenti għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab skont il-prinċipji li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulata fit-Trattat. Fost affarijiet oħra, dan jirreferi għall-promozzjoni tad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, kif ukoll xogħol deċenti, governanza tajba u l-preżervazzjoni tal-ambjent, sabiex jingħata kontribut għall-progress u l-proċess ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-kooperazzjoni għandha tkun immirata biex isir impenn mal-pajjiżi sħab sabiex jissaħħu d-djalogu u t-tiġdid ta' ħbiberiji u sabiex jaqsmu u jippromwovu strutturi u valuri politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali simili. L-Unjoni għandu jkollha wkoll l-intenzjoni li żżid il-kooperazzjoni u l-iskambji mas-sħab u l-atturi bilaterali stabbiliti jew dejjem iżjed importanti f'fora multilaterali u fil-governanza globali. Il-kooperazzjoni tkopri wkoll sħab li magħhom l-Unjoni għandha interess strateġiku fil-promozzjoni ta' rabtiet u tal-valuri tagħha kif stipulati fit-Trattat.

2. F'ċirkostanzi debitament ġustifikati u sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-effettività tal-finanzjamenti mill-Unjoni u sabiex tiġi promossa l-kooperazzjoni reġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi meta tkun qed tadotta l-programmi ta' azzjoni annwali msemmija fl-Artikolu 6 li pajjiżi mhux elenkati fl-Annessi huma eliġibbli għal miżuri taħt dan ir-Regolament, fejn il-proġett jew il-programm li għandu jiġi implimentat huwa ta' natura reġjonali jew transkonfinali. Għandhom isiru dispożizzjonijiet għal dan fil-programmi ta' kooperazzjoni pluriennali msemmija fl-Artikolu 5.

3. Il-Kummissjoni għandha temenda l-listi fl-Annessi I u II skont reviżjonijiet regolari tal-OECD/DAC tal-lista tagħha ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

4. Għall-finanzjamenti mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament, għandha tingħata attenzjoni partikolari fejn xieraq għall-konformità tal-pajjiżi sħab mal-istandards tax-xogħol fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u għall-isforzi tagħhom biex jipprovaw inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

5. Fir-rigward tal-pajjiżi elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi rispettata b'mod strett il-koerenza politika mal-miżuri ffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u r-Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (**).

Artikolu 3

Prinċipji ġenerali

1. L-Unjoni hija bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt u tfitteż li tipprom-

wovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-impenn għal dawn il-prinċipji fil-pajjiżi sħab permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni.

2. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi segwit, fejn hu xieraq, approċċ differenzjat fit-tfassil tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab biex jittieħed kont tal-kuntasti ekonomiċi, soċjali u politiċi tagħhom kif ukoll tal-interessi, l-istrateġiji u l-prijoritajiet speċifiċi tal-Unjoni.

3. Il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti ma' u jkopru oqsma ta' kooperazzjoni stipulati, partikolarment, fl-istrumenti, ftehimiet, dikjarazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, kif ukoll oqsma li jappartjenu għall-interessi u l-prijoritajiet speċifiċi tal-Unjoni.

4. Għall-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha timmira li tiżgura koerenza ma' oqsma oħra tal-azzjoni esterna tagħha kif ukoll ma' linji politiċi rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dan għandu jiġi żgurat bil-formulazzjoni ta' linji politiċi, ippjanar strateġiku u l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri.

5. Il-miżuri ffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandhom jikkumplimentaw, u jġibu valur miżjud lill-isforzi meħuda mill-Istati Membri u korpi pubbliċi tal-Unjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet kummerċjali u skambji kulturali, akkademiċi u xjentifiċi.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma u għandu jkollha skambji ta' opinjonijiet regolari mal-Parlament Ewropew.

Artikolu 4

Oqsma ta' koperazzjoni

Il-finanzjament mill-Unjoni għandu jappoġġa azzjonijiet ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 1 u għandu jkun konsistenti mal-iskop, il-kamp ta' applikazzjoni, l-oġettivi u l-prinċipji ġenerali globali ta' dan ir-Regolament. Il-finanzjament mill-Unjoni għandu jkopri azzjonijiet li, fil-prinċipju, ma jissodisfawx il-kriterji għall-ODA, u li jistgħu jinkludu dimensjoni reġjonali, fl-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:

(1) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni, sħubiji u intrapriżi konġunti bejn atturi ekonomiċi, soċjali, kulturali, akkademiċi u xjentifiċi fl-Unjoni u l-pajjiżi sħab;

(2) l-istimolu ta' kummerċ bilaterali, flussi ta' investment u sħubiji ekonomiċi, inkluża attenzjoni għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju;

- (3) il-promozzjoni ta' djalogi bejn l-atturi politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra f'setturi rilevanti fl-Unjoni u fil-pajjiżi sħab;
- (4) il-promozzjoni ta' rabtiet bejn persuna u oħra, programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u skambji intellettuali u t-tisħiħ ta' għarfien reċiproku bejn kulturi, b'mod partikulari fil-livell tal-familji, inklużi miżuri li jiżguraw u jżidu l-parteciċipazzjoni tal-Unjoni fil-programm Erasmus Mundus u l-parteciċipazzjoni fil-fieri tal-edukazzjoni Ewropej;
- (5) il-promozzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni f'oqsma bħar-riċerka, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-isport u l-kultura, l-enerġija (b'mod partikulari, l-enerġija li tiġġedded), it-trasport, kwistjonijiet ambjentali (inkluż it-tibdil fil-klima), id-dwana, kwistjonijiet finanzjarji, legali u tad-drittijiet tal-bniedem, u kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess reċiproku bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab;
- (6) it-tisħiħ tal-għarfien dwar u l-apprezzament tal-Unjoni Ewropea u tal-viżibbiltà tagħha f'pajjiżi msieħba;
- (7) l-appoġġ għal inizzjattivi speċifiċi, inkluż xogħol ta' riċerka, studji, skemi pilota jew proġetti konġunti destinati li jirrispondu b'manjiera effettiva u flessibbli għall-oġettivi ta' kooperazzjoni li joħorġu minn żviluppi fir-relazzjoni bilaterali tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab jew li jimmiraw li jipprovdu impetu għal attar tisħiħ u twesigh tar-relazzjonijiet bilaterali magħhom.

(*) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

(**) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62.”;

- (3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-programmi ta' kooperazzjoni pluriennali m'għandhomx ikopru aktar mill-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom jistabbilixxu l-interessi u l-prijoritajiet speċifiċi, l-oġettivi ġenerali u r-riżultati mistennija tal-Unjoni. B'mod partikulari fir-rigward ta' Erasmus Mundus, il-programmi għandhom jimmiraw għall-iktar kopertura ġeografika bilanċjata possibbli. Huma għandhom jistabbilixxu wkoll l-oqsma magħżula għall-finanzjament mill-Unjoni u jiddiskrivu fil-qosor l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva tal-fondi, globalment, għal kull qasam ta' prijorità u għal kull pajjiż sieħeb jew grupp ta' pajjiżi sħab għall-perjodu kkonċernat. Fejn xieraq dan jista' jingħata fil-forma ta' marġni. Il-programmi ta' kooperazzjoni pluriennali għandhom jiġu riveduti f'nofs it-terminu, jew ad hoc jekk ikun meħtieġ.”;

- (4) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' azzjoni annwali bbażati fuq il-programmi ta' kooperazzjoni pluriennali msemmija fl-Artikolu 5 u għandha tittrażmettihom b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.”;

- (5) l-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu jsir il-paragrafu 1;

(b) il-punti (e) u (f) tal-paragrafu 1 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“(e) Il-korpi konġunti stabbiliti mill-pajjiżi u mir-reġjuni sħab u mill-Unjoni;

(f) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, safejn dawn jimplimentaw il-miżuri ta' appoġġ speċifikati fl-Artikolu 9”;

(c) jiddiedu l-paragrafi li ġejjin:

“2. Il-miżuri koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għaj-nuna umanitarja (*), mir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (**), jew mir-Regolament (KE) Nru 1905/2006, u li huma eliġibbli għall-finanzjament taħtom m'għandhomx ikunu ffinanzjati skont dan ir-Regolament.

3. Il-finanzjament mill-Unjoni taħt dan ir-Regolament m'għandux jintuża sabiex la jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' armi jew ta' munizzjon, u lanqas operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

(*) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

(**) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1.”;

- (6) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-finanzjament mill-Unjoni m'għandux, bħala prinċipju, jintuża biex jitħallsu taxxi, dazji jew imposti fil-pajjiżi sħab.”;

(7) l-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri nfiq assoċjat mal-preparazzjoni, is-segwitu, il-monitoraġġ, il-verifika u l-attivitajiet ta' evalwazzjoni meħtieġa direttament għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, u kwalunkwe nfiq ta' assistenza amministrattiva jew teknika li l-Kummissjoni, inklużi d-Delegazzjonijiet tagħha fil-pajjiżi sħab, tista' tħallas għall-ġestjoni ta' operazzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament.”;

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' appoġġ mhux koperti mill-programmi pluriennali ta' kooperazzjoni u għandha tittrażmettilhom b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.”;

(8) l-Artikolu 12 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni”;

(b) il-paragrafi 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Kwalunkwe ftehim li jirriżulta minn dan ir-Regolament għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' irregolaritajiet, frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (*), u (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħrajn (**) u r-Regolament (KE)

Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (***).

(*) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

(**) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

(***) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.”;

2. Il-ftehimiet għandhom espressament jintitolaw lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sabiex iwettqu verifiki, inklużi verifiki tad-dokumenti jew verifiki fuq il-post ta' kwalunkwe kuntrattur jew subkuntrattur li jkun irċieva fondi tal-Unjoni. Huma għandhom ukoll jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni sabiex twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post skont ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/1996.

(9) l-Artikoli 13 u 14 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 13

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa regolarment l-azzjonijiet u l-programmi ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, fejn hu xieraq jew fuq talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, biex taċċerta jekk l-oġġettivi ġewx milħuqa u biex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jittejbu operazzjonijiet futuri. Ir-riżultati għandhom jerġgħu jintużaw għad-disinn ta' programmi u l-allokazzjoni ta' riżorsi.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 15(1) għall-informazzjoni tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tassoċja l-partijiet interessati rilevanti, inklużi atturi mhux Statali, fil-fażi ta' evalwazzjoni tal-kooperazzjoni tal-Unjoni prevista taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Rapport annwali

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li jkun sar dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dettaljat dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jniżżel ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-baġit u jippreżenta l-azzjonijiet u l-programmi kollha ffinanzjati u, safejn ikun possibbli, iniżżel l-eżiti u l-impatti ewlenin tal-azzjonijiet u l-programmi ta' kooperazzjoni.”;

(10) l-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 16

Dispożizzjonijiet finanzjarji

L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2007 sal-2013 għandu jkun ta' EUR 172 miljun għall-pajjiżi elenkati fl-Anness I u EUR 176 miljun għall-pajjiżi elenkati fl-Anness II. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.”;

(11) fl-Anness, it-titolu għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

“ANNEX I

Lista ta' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli koperti minn dan ir-Regolament”;

(12) għandu jiżdied Anness II ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

...

Għall-Kunsill

Il-President

...

ANNEX

"ANNEX II

Lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw koperti minn dan ir-Regolament**L-Amerika Latina**

1. L-Arġentina
2. Il-Bolivja
3. Il-Brażil
4. Iċ-Ċili
5. Il-Kolumbja
6. Il-Kosta Rika
7. Kuba
8. L-Ekwador
9. El Salvador
10. Il-Gwatemala
11. Il-Honduras
12. Il-Messiku
13. In-Nikaragwa
14. Il-Panama
15. Il-Paragwaj
16. Il-Perù
17. L-Urugwaj
18. Il-Veneżwela

L-Asja

19. L-Afganistan
20. Il-Bangladexx
21. Il-Butan
22. Il-Burma/Mjanmar
23. Il-Kambodja
24. Iċ-Ċina

25. L-Indja
26. L-Indoneżja
27. Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea
28. Il-Laos
29. Il-Malasja
30. Il-Maldive
31. Il-Mongolja
32. In-Nepal
33. Il-Pakistan
34. Il-Filippini
35. Is-Sri Lanka
36. It-Tajlandja
37. Il-Vjetnam

L-Asja Ċentrali

38. Il-Kazakistan
39. Ir-Repubblika Kirgiża
40. It-Taġikistan
41. It-Turkmenistan
42. L-Uzbekistan

Il-Lvant Nofsani

43. L-Iran
44. L-Iraq
45. Il-Jemen

L-Afrika t'Isfel

46. L-Afrika t'Isfel
-

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Fil-21 ta' April 2009, il-Kummissjoni adottat il-proposta ⁽¹⁾ tagħha għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) nru 1934/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ICI).

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tal-ewwel qari tiegħu fil-21 ta' Ottubru 2010.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' Diċembru 2010.

II. OBJETTIV

Il-proposta ġiet ippreżentata bħala parti mir-reviżjoni intermedja tal-istrumenti tal- finanzjament tal-azzjoni esterna. L-objettiv ewlieni huwa li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament inizjali għal għadd ta' pajjiżi koperti mir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Istrument tal-Koperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u li tiġi pprovduta bażi leġiżlattiva adatta għal attivitajiet li, minħabba li ma jikkostitwixxux Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp kif definit mill-OECD, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament DCI. Għalhekk, ir-Regolament ICI emendat ser jippermetti t-tisħiħ tar-rabtiet u aktar involviment mal-imsieħba globali emerġenti importanti li magħhom l-Unjoni Ewropea għandha interess strateġiku fil-promozzjoni ta' rabtiet diversifikati u l-ħolqien ta' ambjent aktar favorevoli għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet. Hija ser tipprovdi wkoll il-bażi għal attivitajiet ma' pajjiżi bi dħul medju interessati li jkunu involuti fi skambji ekonomiċi, kummerċjali, akkademiċi, ta' negozju u xjentifiċi mal-Unjoni Ewropea.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Kummenti ġenerali

Il-proposta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Nizza, li jeħtieġu li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-bażi legali implikat l-applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. B'kont meħud ta' dawn il-bidliet il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew fi stadju bikri tal-proċess leġiżlattiv u impenja ruħu f'negozjati sostanzjali bejn l-istituzzjonijiet. Dan irriżulta flivell għoli ta' konverġenza dwar ħafna emendi ppreżentati mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari tiegħu, li ppermetta lill-Kunsill jinkorpora għadd kbir ta' emendi tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew fil-pożizzjoni fl-ewwel qari tiegħu.

Madankollu, il-Kunsill ma jstax isegwi lill-Parlament Ewropew f'żewġ punti: l-applikazzjoni tal-proċedura tal-atti delegati (l-Artikolu 290 TFUE) u l-emendi għall-Artikolu 16 dwar id-dispożizzjonijiet finanzjarji.

Kummenti speċifiċi

(1) *Atti delegati (l-Artikolu 290 TFUE)*

Il-Parlament Ewropew adotta diversi emendi li jintroduċu l-applikazzjoni tal-proċedura tal-atti delegati għall-adozzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni pluriannwali (dokumenti ta' strateġija pluriannwali). Dan mhux aċċettabbli għall-Kunsill. Il-Kunsill jemmen li l-programmi ta' kooperazzjoni pluriannwali, minħabba li mhumiex atti legalment vinkolanti, ma jikkostitwixxux atti ta' applikazzjoni ġenerali, li jissupplimentaw jew jemendaw l-att bażiku. Huma jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens tal-Artikolu 291 TFUE.

⁽¹⁾ COM (2009) 197 finali/2

(2) *L-Artikolu 16 dwar id-dispożizzjonijiet finanzjarji*

L-emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-Artikolu 16 mhumiex aċċettabbli għall-Kunsill. Filwaqt li għe espress tħassib simili fil-Kunsill fir-rigward tal-ipprogrammar tal-appropriazzjonijiet finanzjarji u tat-trasferimenti possibbli bejn l-intestaturi baġitarji, il-Kunsill huwa tal-fehma li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu deċiżi miż-żewġ fergħat baġitarji - il-Kunsill u l-Parlament Ewropew - fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali u m'għandhomx jagħmlu parti mit-test leġislattiv. Għalhekk, il-Kunsill jippreferi t-test kif inizjalment propost mill-Kummissjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni mill-Kummissjoni li fiha hija tipprova di assicurazzjonijiet fir-rigward tal-użu tal-fondi. Id-dikjarazzjoni hija annessa mal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

IV. **KONKLUŻJONI**

Bl-għan li jintlaħaq qbil bikri dwar ir-Regolament emendat, il-Kunsill impenja ruħu f'negozjati sostanzjali mal-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni Ewropea. In-negozjati wasslu għal livell għoli ta' kunsens dwar it-test. Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni ma ppreżentatx diffikultajiet sostanzjali lill-Kunsill, il-Kunsill għamel sforz speċjali sabiex jissodisfa xi tħassib tal-Parlament Ewropew relatat mal-applikazzjoni tar-Regolament emendat.

Il-Kunsill jappella lill-Parlament Ewropew biex isegwi dan it-test li jirrifletti l-kompromessi milħuqa fin-negozjati sabiex ir-Regolament ikun jista' jidħol fis-seħħ fl-2010. Dan jippermetti li l-fondi diġà mniżżla fil-baġit tal-2010 ma jintilfux għall-proġetti intiżi.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 16

Ir-Regolament jindirizza l-kwistjoni tal-appoġġ għal numru ta' attivitajiet speċifiċi ta' Għajnuna mhux Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) f'pajjiżi koperti mill-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (Regolament (KE) Nru 1905/2006 tad-DCI). Ir-Regolament huwa intiż bħala soluzzjoni ta' darba għal din il-kwistjoni.

Il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid li l-qerda tal-faqar inkluż l-insewiment tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, huwa l-objettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha u jibqa' prijorità.

Hi tfakkar li l-ammont ta' referenza finanzjarja stabbilit fl-Artikolu 16 fir-rigward tal-pajjiżi elenkati fl-Anness II ser jiġi implimentat bl-użu ta' linji tal-baġit dedikati li huma maħsuba għal attivitajiet differenti mill-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tirrispetta l-ammont ta' referenza finanzjarja stabbilit fl-Artikolu 38 tal-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (Regolament (KE) Nru 1905/2006) għall-perijodu 2007-2013 kif ukoll il-provvedimenti fl-istess Regolament dwar it-tweqqif tal-kriterji għall-ODA. Hija tfakkar li abbażi tal-ippjanar finanzjarju attwali tagħha, dan l-ammont ta' referenza ser jinqabeż fl-2013.

Fdan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb tipproponi abbozz ta' baġits li jiżguraw żidiet fl-assistenza għall-iżvilupp għall-Asja u l-Amerika Latina skont ir-Regolament tad-DCI nru 1905/2006 matul il-perijodu sal-2013 sabiex l-ammonti tal-ODA proġettati bħalissa skont id-DCI u l-baġit tal-UE ġeneralment ma jiġux affettwati.

POŻIZZJONI (UE) Nru 2/2011 TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp

Adottat mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010

(2011/C 7 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja ⁽⁷⁾, u r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ⁽⁸⁾.

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 209(1) tiegħu,

- (2) Fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 haġġu xi inkosistenzi fir-rigward tal-eżenzjoni għall-prinċipju tan-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u ħlasijiet oħrajn. Fid-dawl ta' dan, hu propost li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament sabiex ikun konformi mal-istrumenti l-oħrajn.

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽¹⁾,

- (3) Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Billi:

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 għandu għaldaqstant ikun emendat skont dan,

- (1) Sabiex jitjiebu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-għajjnuna esterna tal-Komunità, fl-2006 ġie stabbilit qafas ġdid li jsostni l-ippjanar u l-provvista ta' attivitajiet ta' għajjnuna. Dan jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ⁽²⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ⁽³⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli ⁽⁴⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà ⁽⁵⁾, ir-Regolament (KE) Nru 300/2007 tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari ⁽⁶⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 huwa b'dan emendat kif ġej: Fl-Artikolu 25, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fil-prinċipju, l-għajjnuna tal-Unjoni m'għandhiex tintuża għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew ħlasijiet fil-pajjiżi benefiċjarji.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Diċembru 2010. Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

⁽³⁾ ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41.

⁽⁵⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p.1.

⁽⁶⁾ ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

...

Għall-Kunsill
Il-President

...

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Fil-21 ta' April 2009, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-21 ta' Ottubru 2010.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' Diċembru 2010.

II. OBJETTIV

L-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) huwa wieħed minn biss żewġ strumenti finanzjarji tal-UE għal azzjoni esterna li ma jipprevedix eċċezzjoni għall-prinċipju ta' noneliġibbiltà tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u spejjeż oħra għall-finanzjament tal-UE. L-istrument għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja (EIDHR) huwa l-istrument l-ieħor.

L-istrumenti finanzjarji l-oħra kollha tal-UE għal azzjoni esterna jstabbilixxu li l-appoġġ tal-UE ma jistax jintuża *fil-prinċipju* biex jiġu ffinanzjati tali spejjeż, b'hekk jippermettu li jkun hemm flessibbiltà każ b'każ, fejn adatt, fl-interessi tal-implimentazzjoni tajba tal-programmi u l-proġetti.

L-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tiġi allinjata d-dispożizzjoni rilevanti ta' dan l-istrument ma' strumenti oħrajn, billi jiżdied il-kliem "fil-prinċipju" fl-Artikolu 25, paragrafu 2 tar-Regolament.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Il-Kunsill ma kellu assolutament l-ebda diffikultà rigward il-bidla unika ssuġġerita mill-Kummissjoni fil-proposta inizjali tagħha bil-ħsieb li jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet rilevanti fl-istrumenti finanzjarji eżistenti.

Il-Kunsill aċċetta wkoll tliet emendi pjuttost tekniċi adottati mill-Parlament Ewropew, bil-għan ta' aktar ċarezza u preċiżjoni. B'mod partikolari, il-Kunsill qabel li l-proposta inizjali tinqasam fi tnejn sabiex ikun rifless li kienu kkonċernati żewġ strumenti distinti, id-DCI u l-EIDHR.

Madankollu l-Kunsill ma kienx fpożizzjoni li jista' jaċċetta dawk l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew li jintroduċu l-applikazzjoni tal-proċedura dwar l-atti delegati (l-Artikolu 290 tat-TFUE) għall-adozzjoni ta' dokumenti ta' strateġija u programmi ta' kooperazzjoni pluriennali. Il-Kunsill jemmen li l-programmi ta' kooperazzjoni pluriennali, minħabba li mhumiex atti legalment vinkolanti, ma jikkostitwixxux atti ta' applikazzjoni ġenerali, li jissupplimentaw jew jemendaw l-att bażiku. Huma jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 291 tat-TFUE.

IV. KONKLUŻJONI

Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni ma kienet tippreżenta l-ebda diffikultà lill-Kunsill, il-Kunsill aċċetta numru ta' emendi adottati mill-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill iqis li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija kompromess ibbilanċjat u jappella lill-Parlament Ewropew biex ikompli jimxi fuq dan it-test sabiex jippreżerva l-ispirtu u l-objettiv tal-proposta inizjali, jiġifieri li tiġi żgurata l-konsistenza tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għal azzjoni esterna u li tkun permessa flessibbiltà minima imma neċessarja fl-implimentazzjoni tagħhom.

POŻIZZJONI (UE) Nru 3/2011 TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010

(2011/C 7 E/03)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp⁽⁸⁾.

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(1) u 212 tiegħu,

- (2) Fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti ħarġu xi inkosistenzi fir-rigward tal-eżenzjoni għall-prinċipju tan-nuqqas ta' eliġibbiltà għal finanzjament mill-Unjoni tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u ħlasijiet oħrajn. Fid-dawl ta' dan, hu propost li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1889/2006 sabiex ikun konformi mal-istrumenti oħrajn.

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja⁽¹⁾,

- (3) Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Billi:

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 għandu għaldaqstant ikun emendat skont dan,

- (1) Sabiex jitjiebu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-għajnuna esterna tal-Komunità, fl-2006 ġie stabbilit qafas ġdid li jsostni l-ippjanar u l-provvista ta' attivitajiet ta' għajnuna. Dan jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)⁽²⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija⁽³⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli⁽⁴⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jstabbilixxi Strument għall-Istabbiltà⁽⁵⁾, ir-Regolament (KE) Nru 300/2007 tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Strument għall-Koperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari⁽⁶⁾, ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁷⁾, u r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Fil-prinċipju, l-għajnuna mill-Unjoni m'għandhiex tiġi użata għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew ħlasijiet fil-pajjiżi benefiċjarji."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Diċembru 2010. Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

⁽³⁾ ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 405, 30.12.2006, p. 41.

⁽⁵⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

...

Għall-Kunsill
Il-President

...

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Fil-21 ta' April 2009, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 dwar l-istabiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-21 ta' Ottubru 2010.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari Fl-10 ta' Diċembru 2010.

II. OĠETTIV

L-istrument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (EIDHR) huwa wieħed minn biss żewġ strumenti finanzjarji tal-UE għal azzjoni esterna li ma jipprevedix eċċezzjoni għall-prinċipju ta' noneligibbiltà tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u spejjeż oħra għall-finanzjament tal-UE. L-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) huwa l-istrument l-ieħor.

L-istrumenti finanzjarji l-oħra kollha tal-UE għal azzjoni esterna jstabbilixxu li l-appoġġ tal-UE ma jistax jintuża *fil-prinċipju* biex jiġu ffinanzjati tali spejjeż, b'hekk jippermettu li jkun hemm flessibbiltà każ b'każ, fejn adatt, fl-interessi tal-implimentazzjoni tajba tal-programmi u l-proġetti.

L-oġjettiv tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tiġi allinjata d-dispożizzjoni rilevanti ta' dan l-istrument ma' strumenti oħrajn, billi jiżdied il-kliem "fil-prinċipju" fl-Artikolu 13, paragrafu 6.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Il-Kunsill ma kellu assolutament l-ebda diffikultà rigward il-bidla unika ssuġġerita mill-Kummissjoni fil-proposta inizjali tagħha bil-ħsieb li jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet rilevanti fl-istrumenti finanzjarji eżistenti.

Il-Kunsill aċċetta wkoll tliet emendi pjuttost tekniċi adottati mill-Parlament Ewropew, bil-għan ta' aktar ċarezza u preċiżjoni. B'mod partikolari, il-Kunsill qabel li l-proposta inizjali tinqasam fi tnejn sabiex ikun rifless li kienu kkonċernati żewġ strumenti distinti: id-DCI u l-EIDHR.

Madankollu l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jista' jaċċetta dawk l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew li jintroduċu l-applikazzjoni tal-proċedura dwar l-atti delegati (l-Artikolu 290 tat-TFUE) għall-adozzjoni ta' dokumenti ta' strateġija u programmi ta' kooperazzjoni pluriennali. Il-Kunsill jemmen li l-programmi ta' kooperazzjoni pluriennali, minħabba li mhumix atti legalment vinkolanti, ma jikkostitwixxux atti ta' applikazzjoni ġenerali, li jissupplimentaw jew jemendaw l-att bażiku. Huma jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 291 tat-TFUE.

IV. KONKLUŻJONI

Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni ma kienet tippreżenta l-ebda diffikultà lill-Kunsill, il-Kunsill aċċetta numru ta' emendi adottati mill-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill iqis li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija kompromess ibbilanċjat u jappella lill-Parlament Ewropew biex ikompli jimxi fuq dan it-test sabiex jippreżerva l-ispirtu u l-oġjettiv tal-proposta inizjali, jiġifieri li tiġi żgurata l-konsistenza tal-istrumenti finanzjarji tal-UE għal azzjoni esterna u li tkun permessa flessibbiltà minima imma neċessarja fl-implimentazzjoni tagħhom.

POŻIZZJONI (UE) Nru 4/2011 TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru No 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp

Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2010

(2011/C 7 E/04)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp għandha l-għan li tnaqqas u fl-aħħar mill-aħħar teqred il-faqar.
- (2) L-Unjoni, bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), hija impenjata li tissimplifika l-kummerċ fi strateġiji għall-iżvilupp u li tippromwovi l-kummerċ internazzjonali sabiex isir progress fil-iżvilupp u fit-tnaqqis, u fuq it-tul ta' żmien fil-qerda, tal-faqar madwar id-dinja kollha.
- (3) L-Unjoni ssostni l-Grupp ta' Stati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) fit-triq tagħhom lejn tnaqqis fil-livell ta' faqar u żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli, u tagħraf l-importanza tas-setturi tagħhom tal-komoditajiet.
- (4) L-Unjoni hija impenjata li ssostni l-integrazzjoni bla xkiel u gradwali tal-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw fl-ekonomija dinjija bl-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli. Il-pajjiżi tal-AKP prinċipali li jesportaw il-banana jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' sfdi fil-kuntest ta' arranġamenti tal-kummerċ li qiegħdin jinbidlu, notevolment il-liberalizzazzjoni tat-tariffa tan-Nazzjon l-Aktar Preferut (NAP) fil-qafas tal-WTO u tal-ftehimiet bilaterali jew reġjonali li ġew konklużi jew fil-proċess li jiġu konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi tal-Amerika Latina. Għalhekk, għandu jżieded mar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parla-

ment Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ programm AKP dwar il-Miżuri ta' Akkumpanjament marbutin mal-Banana ("il-programm").

- (5) Il-miżuri ta' assistenza finanzjarja li għandhom jiġu adottati taħt il-programm għandhom ikunu mmirati biex itejbu l-istandards tal-għajxien u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nies fiż-żoni li jkabbru l-banana u fil-ktajjen tal-valur tal-banana, speċifikament tal-bdiewa ż-żgħar u tal-entitajiet iż-żgħar, kif ukoll biex jassiguraw il-konformità mal-istandards tax-xogħol u mal-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u mal-istandards ambjentali, notevolment ma' dawk li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-pestiċidi u mal-espożizzjoni għalihom. Il-miżuri għandhom ukoll jappoġġaw l-adattament u jinkludu, meta jkun relevanti, l-organizzazzjoni mill-ġdid taż-żoni li jiddependu fuq l-esportazzjoni tal-banana permezz ta' sostenn mill-baġit immirat lejn setturi speċifiċi jew intervenzjonijiet immirati lejn proġetti partikolari. Il-miżuri għandhom ikunu mmirati biex jipprovdur politika soċjali dwar il-kapaċità ta' rkupru, diversifikazzjoni ekonomika jew investment għat-titjib tal-kompetittività, fejn dan ikun vijabbli, filwaqt li jitqiesu r-riżultati u l-esperjenzi miksuba permezz tas-Sistema Speċjali ta' Assistenza għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-AKP stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2686/94 ⁽³⁾ u l-Qafas Speċjali ta' Assistenza (QSA) għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-AKP stabbilit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 ⁽⁴⁾ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/1999 ⁽⁵⁾. L-Unjoni tagħraf l-importanza tal-promozzjoni ta' tqassim aktar ekwu tad-dħul mill-banana.
- (6) Il-programm għandu jakkumpanja l-proċess ta' adattament fil-pajjiżi tal-AKP li jesportaw volumi sinifikanti ta' banana lill-Unjoni f'dawn l-aħħar snin u li se jiġu affettwati mil-liberalizzazzjoni fil-qafas tal-Ftehim ta' Ġinevra dwar il-Kummerċ fil-Banana ⁽⁶⁾ jew mill-ftehimiet bilaterali jew reġjonali konklużi jew li qed jiġu konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi tal-Amerika Latina. Il-programm jibni fuq il-Qafas Speċjali ta' Assistenza (QSA) għall-fornituri tradizzjonali tal-banana mill-pajjiżi tal-ACP. Il-programm huwa konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni fil-qafas tal-WTO u jiffoka fuq ir-ristrutturazzjoni u t-titjib tal-kompetittività u b'hekk huwa ta' xorta temporanja, b'tul ta' erba' snin (2010-2013).

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Diċembru 2010. Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41.

⁽³⁾ ĠU L 286, 5.11.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 190, 23.7.1999, p. 14.

⁽⁶⁾ ĠU L 141, 9.6.2010, p. 3.

- (7) Il-konklużjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2010 bl-isem "Rapport Biennali dwar il-Qafas Speċjali ta' Assistenza għall-Fornituri Tradizzjonali tal-Banana mill-pajjiżi tal-AKP" jindikaw li l-programmi ta' assistenza li saru fl-imgħoddi taw kontribut sostanzjali fil-kisba ta' titjib fil-kapaċità għal diversifikazzjoni ekonomika ta' suċċess, minkejja illi l-impatt sħiħ għadu ma jstax ikun ikkwantifikat u s-sostenibilità tal-esportazzjonijiet tal-banana tal-AKP għadha fraġli.
- (8) Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-programm tal-QSA imma ma għamlitx valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta' akkumpanjament fis-settur tal-banana.
- (9) Il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinament kif suppost ta' dan il-programm mal-programmi indikattivi reġjonali u nazzjonali li joperaw fil-pajjiżi benefiċjarji, b'mod partikulari fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi ekonomiċi, agrikulturali, soċjali u ambjentali.
- (10) Kważi 2 % tal-kummerċ dinji tal-banana ġie ċertifikat mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-kummerċ ekwitabbli. Il-prezzijiet minimi tal-kummerċ ekwitabbli ġew iffissati fuq il-bażi tal-kalkolu tal-"ispejjeż sostenibbli tal-produzzjoni" stabbiliti wara konsultazzjoni mal-partijiet involuti bil-għan li jiġu internalizzati l-ispejjeż biex isiru konformi ma' standards soċjali u ambjentali diċenti u biex isir profitt raġonevoli li bis-saħħa tiegħu l-produtturi jkunu jistgħu jinvestu fl-istabilità ta' xogħolhom fuq tul ta' żmien twil.
- (11) Biex jiġi evitat l-isfruttar tal-ħaddiema lokali, il-katina tal-produzzjoni tas-settur tal-banana għandha ssegwi distribuzzjoni ekwitabbli tad-dħul iġġenerat mis-settur.
- (12) Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 għandu għaldaqstant ikun emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Implimentazzjoni tal-assistenza mill-Unjoni

B'mod konsistenti mal-fini, l-ambitu u l-għanijiet globali u mal-priċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-assistenza tal-Unjoni għandha tiġi implimentata permezz tal-programmi ġeografiċi u tematiċi stipulati fl-Artikoli 5 sa 16 u fil-programmi stipulati fl-Artikolu 17 u 17a.;

- (2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 17a

Il-pajjiżi prinċipali tal-AKP li qegħdin ifornu l-banana

1. Pajjiżi tal-AKP li jfornu l-banana elenkati fl-Anness IIIa għandhom jibbenefikaw mill-miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-banana. L-għajnuna mill-Unjoni għandha tkun immirata biex issostni l-proċess ta' aġġustament tagħhom wara l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-banana tal-UE fil-qafas tal-WTO. L-għajnuna mill-Unjoni għandha b'mod partikolari tintuża fil-ghlieda kontra l-faqar billi ttejjeb l-istandards u l-kondizzjonijiet tal-għajxien tal-bdiewa u tal-persuni kkonċernati u tal-entitajiet iż-żgħar rilevanti, inkluż bil-konformità mal-istandards tax-xogħol u tas-sikurezza kif ukoll bil-konformità mal-istandards ambjentali, inkluż l-użu tal-pestiċidi u l-esposizzjoni għalihom. L-assistenza mill-Unjoni għandha tqis il-politika u l-istrategġiji ta' adattament tal-pajjiżi, kif ukoll tal-ambjent reġjonali tagħhom (f'termini tal-qrubija lejn l-ibgħad reġjuni tal-UE u l-pajjiżi u t-territorji barranin), u għandha tagħti attenzjoni speċifika lill-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:

- (a) it-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tal-esportazzjoni tal-banana, fejn dan huwa sostenibbli, b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni tal-partijiet interessati differenti fil-katina;
- (b) il-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika fiż-żoni dipendenti mill-banana, meta strategġija bħal din tkun vijabbli;
- (c) li jiġu indirizzati impatti usa' ġġenerati mill-proċess ta' adattament, possibbilment relatat mal-impjieg u s-servizzi soċjali, mal-użu tal-art u r-restawr ambjentali, u l-istabbiltà makro-ekonomika, iżda mhux ristrett għalihom biss.

2. Fi ħdan l-ammont imsemmi fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tfassal l-ammont massimu disponibbli għal kull pajjiż tal-AKP li jforni l-banana skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fuq il-bażi tal-indikaturi oġġettivi u maħsuba li ġejjin:

- (a) il-kummerċ tal-banana mal-Unjoni;
- (b) l-importanza tal-esportazzjonijiet tal-banana għall-ekonomija tal-pajjiż tal-AKP ikkonċernat, flimkien mal-livell ta' żvilupp tal-pajjiż.

Il-kejl tal-kriterji ta' allokkazzjoni għandu jkun ibbażat fuq data rappreżentattiva ta' qabel l-2010 u li tkopri perjodu mhux itwal minn ħames snin, u fuq studju tal-Kummissjoni li jevalwa l-impatt fuq il-pajjiżi tal-AKP tal-ftehim milħuq fil-qafas tad-WTO u tal-ftehimiet bilaterali jew reġjonali konklużi, jew fil-proċess li jiġu konklużi, bejn l-Unjoni u pajjiżi tal-Amerika Latina, li jkunu esportaturi ewlenin tal-banana.

3. Il-Kummissjoni għandha todotta strateġija ta' sostenn multiannwali permezz ta' analoġija għall-Artikolu 19, b'konformità mal-Artikolu 21. Għandha tiżgura li tali strateġija jikkomplimentaw id-dokumenti ġeografiċi strateġiċi tal-pajjiżi kkonċernati, u n-natura temporanja ta' dawn il-miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-esportazzjoni tal-banana.

L-istrateġija ta' sostenn multiannwali għall-miżuri ta' akkumpanjament fis-settur tal-banana għandhom jinkludu:

- (a) profil ambjentali aġġornat li jagħti attenzjoni xierqa lis-settur tal-banana tal-pajjiż, inter alia ffukat fuq il-pestiċidi;
- (b) taġġir dwar il-kisbiet tal-programmi ta' assistenza li saru fl-imgħoddi favur is-settur tal-banana;
- (c) indikaturi għall-valutazzjoni tal-progress f'dak li għandu x'jaqşam mal-kundizzjonijiet għall-iżburzar, meta jint-għażel l-appoġġ baġitarju bħala l-forma ta' finanzjament;
- (d) ir-riżultati mistennija tal-għajjnuna;
- (e) kalendarju tal-attivitatiet ta' appoġġ u tal-iżburzar mistenni għal kull pajjiż benefiċjarju;
- (f) il-modi kif jista' jinkiseb u jiġi kkontrollat il-progress fl-ilħuq tal-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO miftiehma fuq livell internazzjonali u l-konvenzjonijiet xierqa fil-qasam tas-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll mal-istandards ambjentali rilevanti ewlenin miftiehma fuq livell internazzjonali;

Tmintax-il xahar qabel l-iskadenza, għandha ssir valutazzjoni tal-programm dwar il-miżuri ta' akkumpanjament marbutin mal-banana u tal-progress tal-pajjiżi kkonċernati li għandha tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet eventwali li għandhom jiġu previsti u x-xorta tagħhom.”;

(3) L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 21

L-adozzjoni ta' dokumenti ta' strateġija ġeografika u tal-programmi indikattivi multiannwali

Id-dokumenti ta' strateġija u l-programmi indikattivi multiannwali msemmija fl-Artikoli 19 u 20, u kwalunkwe reviżjoni tagħhom imsemmija fl-Artikolu 19(2) u fl-Artikolu 20(1), kif ukoll miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 17 u 17a rispettivament, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(2).”;

(4) L-Artikolu 25(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fil-prinċipju, l-għajjnuna tal-Unjoni m'għandhiex tintuża għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew ħlasijiet fil-pajjiżi benefiċjarji.”;

(5) L-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-impenji baġitarji għandhom isiru fuq il-bażi ta' deċizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikoli 17a (3), 22(1), 23(1) u 26(1).”;

(6) Fl-Artikolu 31(1), it-tielet subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Il-parteċipazzjoni fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku jew ta' għotja ffinanzjati minn programm tematiku kif definit fl-Artikoli 11 sa 16, u l-programmi stabbiliti fl-Artikoli 17 u 17a, għandha tkun miftuħa għall-persuni fiżiċi kollha li huma ċittadini ta' pajjiż li qiegħed jiżviluppa jew għall-persuni legali li huma stabbiliti fih, kif speċifikat mill-OECD/DAC u fl-Anness II, flimkien ma' persuni fiżiċi jew legali eliġibbli permezz tal-programm tematiku jew il-programmi stipulati fl-Artikoli 17 u 17a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-Anness II f'konformità mar-reviżjonijiet regolari tal-lista tar-riċevituri ta' għajjnuna tal-OECD/DAC, u għandha tgħarraf lill-Kunsill b'dan.”;

(7) Fl-Artikolu 38, il-paragrafi (1) u (2) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tul il-perjodu 2007-2013 huwa EUR 17 087 miljun.

2. L-ammonti indikattivi allokat għal kull programm imsemmi fl-Artikoli 5 sa 10 u 11 sa 16 u 17 sa 17 a huma stipulati fl-Anness IV. Dawn l-ammonti ġew stabbiliti għall-perjodu 2007-2013.”;

(8) Għandu jiddaħħal l-Anness IIIa, kif jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness IV huwa sostitwit bil-kontenut tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

...

Għall-Kunsill
Il-President

...

ANNEX I

"ANNEX IIIa

Il-pajjiżi prinċipali tal-AKP li jfornu l-banana

1. Il-Beliże
2. Il-Kamerun
3. Il-Kosta tal-Avorju
4. Dominika
5. Ir-Repubblika Dominikana
6. Il-Gana
7. Il-Ġamajka
8. Santa Luċija
9. Saint Vincent u l-Grenadines
10. Is-Surinam".

ANNEX II

"ANNEX IV

Allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-perjodu 2007-2013 (f' miljuni ta' EUR)

Totali	17 087
Programmi ġeografiċi:	10 057
L-Amerika Latina	2 690
L-Asja	5 187
L-Asja Ċentrali	719
Il-Lvant Nofsani	481
L-Afrika t'Isfel	980
Programmi tematiċi:	5 596
Investiment fin-nies	1 060
Ambjent u ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali	804
Atturi mhux statali u awtoritajiet lokali fl-iżvilupp	1 639
Sigurtà alimentari	1 709
Migrazzjoni u ažił	384
Il-pajjiżi tal-AKP tal-Protokoll taz-Zokkor:	1 244
Il-pajjiżi prinċipali tal-AKP li jfornu l-banana	190"

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

I. INTRODUZZJONI

Fis-17 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tal-ewwel qari tiegħu fil-21 ta' Ottubru 2010.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' Diċembru 2010.

II. OBJETTIV

Dan il-programm dwar Miżuri ta' Akkumpanjament għall-pajjiżi tal-AKP involuti fil-kummerċ tal-Banana (MAB) huwa propost bħala emenda għar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI). L-għan tal-programm MAB huwa li jgħin fir-ristrutturar prinċipali tas-setturi tal-banana fl-għaxar pajjiżi tal-AKP li jespportaw il-banana.

L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq tal-UE (CMO) għall-banana ġiet ikkontestata ripetutament fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Konsegwentement, l-UE nneozjat ftehim Kummerċjali dwar il-banana fi ħdan il-qafas tad-WTO li jappoġġa t-twerttiq tal-modalitajiet agrikoli tal-Aġenda ta' Doha għall-iżvilupp (DDA) u taċ-Ċiklu sħiħ ta' Doha.

Dan ser iwassal għal tnaqqis fil-marġni ta' preferenza tal-AKP li ser jirrikjedi aġġustamenti. Il-programm MAB propost għall-pajjiżi prinċipali tal-AKP li jespportaw il-banana jimmira li jappoġġa l-aġġustament ta' oqsma dipendenti fuq l-esportazzjonijiet tal-banana permezz tal-appoġġ baġitarju jew interventi speċifiċi. Il-miżuri ser isostnu l-adattament għal impatti usa' (pereżempju dawk soċjali u ambjentali), politiki ekonomiċi dwar diversifikazzjoni, jew investimenti għat-titjib tal-kompetittività, fejn din hija strateġija vijabbli.

Il-miżuri huma proposti bħala programm temporanju b'durata massima ta' erba' snin (2010-2013). Dawn ser ikollhom baġit ta' EUR 190 miljun u jkunu introdotti permezz ta' emenda għad-DCI.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Wara diskussjonijiet bikrin u kostruttivi bejn it-tliet istituzzjonijiet, il-Kunsill aċċetta 15-il emenda adottati mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Il-Kunsill iqis li dawn l-emendi jtejjbu l-proposta inizjali jew billi jikkompletawha, b'mod partikolari l-preambolu tagħha, jew billi jikkjarifikaw xi aspetti sostanzjali tal-programm MAB.

B'mod partikolari, l-għajnuna tal-UE issa qed tiffoka b'mod espliċitu fuq l-eradikazzjoni tal-faqar u t-titjib fil-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-bdiewa ż-żgħar u persuni oħra kkonċernati.

Barra minn hekk, ir-Regolament issa jirreferi għall-ambjent reġjonali ta' pajjiżi eliġibbli taħt il-programm MAB, speċifikament il-qrubija lejn l-ibgħad reġjuni tal-UE u l-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (OCTs).

Il-Kunsill laqa' wkoll l-emendi tal-PE fir-rigward tar-reqwiziti għall-protezzjoni ambjentali kif ukoll ir-reqwiziti soċjali bbażati fuq standards tal-ILO li għandhom jiġu inklużi fl-istrateġiji ta' sostenn tal-pajjiżi.

Finalment ta' min jinnota li t-test issa jipprovi valutazzjoni tal-programm MAB tmintax-il xahar qabel ma jintemm, meta jkunu jstgħu jsiru rakkomandazzjonijiet adegwati.

Madankollu, il-Kunsill ma setax jaċċetta dawk l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew li jintroduċu l-applikazzjoni tal-proċedura tal-atti delegati (l-Artikolu 290 TFUE) għall-adozzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni multiannwali u dokumenti ta' strateġija. Il-Kunsill jemmen li l-programmi ta' kooperazzjoni multiannwali, peress li mhumiex atti legalment vinkolanti, ma jikkostitwixxu atti ta' applikazzjoni ġenerali, li jissupplimentaw jew jemendaw l-att bażiku. Huma jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE.

IV. KONKLUŻJONI

Bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim bikri dwar ir-Regolament emendat, il-Kunsill impenja ruħu f'negozjati sostanzjali mal-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni Ewropea. In-negozjati wasslu għal livell kbir ta' konsensus dwar l-elementi sostanzjali tat-test li huma relatati mal-programm MAB bħala tali.

Waqt li l-proposta tal-Kummissjoni ma ppreżentatx diffikultajiet sostanzjali lill-Kunsill, il-Kunsill għamel sforz speċjali biex jissodisfa t-tħassib tal-Parlament Ewropew relatat mal-applikazzjoni tar-Regolament emendat.

Il-Kunsill iqis li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija kompromess ibbilanċjat u jappella lill-Parlament Ewropew li jaċċetta dan it-test biex ikun jista' jidħol fis-seħħ ir-Regolament fl-2010. Dan jippermetti li l-fondi diġà mdaħħla fil-baġit tal-2010 ma jintilfux. Il-Kunsill esprima t-tħassib serju tiegħu li n-nuqqas ta' ftehim qabel tmiem l-2010, jista' jqiegħed friskju l-ftehim kummerċjali dwar il-banana li ilu tant mistenni fid-WTO.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

